MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 475/2007

Henry Depasquale (ID 385944)
vs
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors ta’ Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd li bih esponiet:

Illi r-rikorrenti giet notifikata bl-ittra ufficjali f’dawn l-atti fis-16 ta’ April 2007. Permezz ta’ l-istess [ittra ufficjali] Henry Depasquale qed jitlob li l-kambjalijiet esebiti jigu rezi titoli ezekutivi u li r-rikorrenti tigi ghalhekk ikkundannata thallas l-ammont ta’ Lm8,873.

Illi r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet kienet li Henry Depasquale u Manuel Debattista, Managing Director u azzjonista maggoritarju tal-kumpanija Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd – (PEG) – kienu hbieb

personali u kultant fi zminijiet diffikultuzi finanzjarji r-rikorrenti kien ikollhom bzonn ta' flus u Henry Depasquale gieli ghadda xi flus lill-kumpanija ghal bzonnijiet temporanji.

Illi din ir-relazzjoni kienet fil-fatt inbdiet fuq offerta ta' l-istess Henry Depasquale. Matul iz-zmien i.e. minn 2004 Henry Depasquale kien jghaddi flus lir-rikorrenti u r-rikorrenti kienu wkoll hallsu lura.

Illi pero` l-konteggi ta' dawn it-transazzjoni kienu dejjem f'idejn Henry Depasquale (salv li ovvjament PEG kellha wkoll id-dokumentazzjoni relatata) stante li l-istess Manuel Debattista kien jafdah f'manjera assoluta.

Illi fit-23 ta' Settembru 2006 fuq talba ta' Henry Depasquale li qal li kellu jiehu Lm12,000 u li ried illi jkollu xi dokument f'kaz illi jinqala xi disgrazzja lil xi hadd minnhom, Manuel Debattista qabad u iffirma l-kambjalijiet ezibiti kif ukoll kambjalijiet, tnax (12) il-kambjala ta' Lm1,000 kull wahda, li jammontaw ghal total ta' Lm12,000.

Illi fl-ahhar ta' 2006 Manuel Debattista talab lill-accountant tieghu sabiex jaghmel il-kontegg tas-self li kien ghaddielu Henry Depasquale, u tal-hlasijiet illi l-kumpanija rikorrenti ghamlet. B'sorpriza kbira irrejalizza li r-rikorrenti kienet gia irrifondiet lil Henry Depasquale l-flus moghtija minnu, u li fil-fatt ma kienx hemm izjed flus dovuti mir-rikorrenti lil Henry Depasquale.

Illi giet ezebita lista ta' self fl-ammont ta' Lm14,400 minn Jannar 2004 sa Jannar 2007 (l-ahhar hlas 15.7.2006) moghti minn Henry Depasquale lir-rikorrenti (Dok PEG-1).

Illi giet ezibita lista ta' flus Lm14,520 imhallsa mir-rikorrenti minn Jannar 2004 sa Jannar 2007 lil Henry Depasquale (Dok PEG-2).

Illi minn dan jirrizulta li verament il-kambjalijiet li llum qeghdin jigu allegati bhala dovuti mill-PEG lil Henry Depasquale mhumiex in realta` dovuti.

Illi jrid jinghad ukoll illi minkejja l-hlasijiet ta’ cirka Lm2,000 li saru minn Settembru 2006 sa Dicembru 2006 (Ara Dok PEG-2) il-kambjalijiet li kienu jkopru l-hlas ghal dawn il-perjodi relativi, (u cioe` ta’ 31.08.2006; 21.10.2006; 31.11.2006 u 31.12.2006) ma gewx irritornati lir-rikorrenti. Fil-fatt dawn il-kambjalijiet illum qed jaghmlu parti mit-talba prezenti ta’ Henry Depasquale.

Illi jigi notat ghall-effetti kollha tal-ligi li l-kambjalijiet ezebiti huma fil-formalita` taghhom inkorretti u invalidi u bla ebda effett fil-ligi peress li l-kitba taghhom mhijiex korretta u wisq anqas tirrispekkja dak li qed jintalab fl-ittra ufficjali ta’ Henry Depasquale.  Henry Depasquale fl-ittra ufficjali qed jghid li l-kambjalijiet inhargu fit-23 ta’ Settembru 2006.

Illi l-kambjalijiet fil-formalita` litterali taghhom, element essenzjali ta’ kambjala, qeghdin juru li l-kambjalijiet inhargu fil-31 ta’ Awissu 2006; 31 ta’ Ottubru 2006; 30 ta’ Novembru 2006; 31 ta’ Dicembru 2006; 31 ta’ Jannar 2007; 28 ta’ Frar 2007; 31 ta’ Marzu 2007; 30 ta’ April 2007 u li l-hlas kellu dejjem isir fit-23 ta’ Settembru 2006. Dina d-diskrepanza fondamentali u rilevanti fil-kliem tal-kambjala jikkostitwixxu l-invalidita tat-talba tal-ittra ufficjali.

Ghaldaqstant minhabba (1) id-diskrepanza fil-kliem (i.e. dati) tal-kambjali ma’ dak li hu mitlub fl-ittra ufficjali, kif ukoll (2) minhabba r-ragunijiet fuq indikati, li hu sottomess huma indubbjament “gravi u validi” – elementi u ragunijiet legali msemmija mil-ligi sabiex issir il-prezenti opposizjoni - ir-rikorrenti qed tipprezenta l-prezenti oppozizzjoni kontra l-ittra ufficjali tigi reza titolu ezekuttiv u talbet lill-Qorti tiddikjara li l-ittra ufficjali f’dawn l-atti ma tistax issir titolu ezekuttiv, u li ghalhekk ghandha ssir il-procedura b’kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-kodici rilevanti.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ Henry Depasquale li biha espona:

Illi ghandu jinghad illi r-rikors tas-socjeta` rikorrenti hija irritwali u dan peress li l-unika mod li jistghu jigu attakkati kambjali huwa jew permezz ta’ eccezzjonijiet dilatorji li jkunu jikkoncernaw il-forma ta’ l-istess kambjali jew il-pagament.

Illi sabiex jigi ippruvat il-pagament, ir-rikorrent irid jew jesebixxi l-kambjali li suppost irtira wara li effettwa l-pagament jew ghal ta’ l-inqas ricevuti precizi li jkopru kambjali precizi li huma mankanti ghal kollox f’dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk jidher car li l-provi li qed jittanta jtella’ l-istess rikorrent huma inutili u irrilevanti ghal dawn il-proceduri.

**C. PROVI:**

Xehed <u>Emanuel Debattista</u> fejn qal li hu xtaq izid ma’ dak li hemm minnu ikkonfermat bil-gurament a fol 31 tal-process u cioe` n-nota tas-27 ta’ Settembru, 2007. Specifika li l-ammonti li hemm fid-dokumenti huma l-ammonti biss li rceva minghandhom u allura hu hallas. Ma kienx hemm ammonti ohra li hu ma hallasx. Ma hemm l-ebda *claims* ohra allura li hu rcieva u ma hallasx.

Xehed <u>Henry Depasquale</u> u qal li hu jichad li thallas tal-kambjali li hemm esebiti. Ra dokumenti a fol 100 sa 108 li huma kopji ta’ cekkijiet. Kien jghidlu biex isarraflu xi cekkijiet, imbaghad kien jatihomlu *back dated* ukoll ic-cekkijiet imbaghad kien dejjem jghidlu li jahseb fih. Baqa’ jafdah imbaghad darba minnhom, tah tliet cekkijiet ta’ terza persuna u qallu dawn jissarrfu xahar wara xahar, u qallu biex isarrafhomlu u fil-fatt sarrafhomlu u dawn ic-cekkijiet ma ssarrfux lanqas minghand it-terza persuna u meta qallu irrispondieh li dahqu bih jigfieri mbaghad hu minn dakinhar ghamel il-*line* u qal li hu ma jafdahx lil dan ir-ragel, li qed jingannah. Dawn ic-cekkijiet ma ghandhomx x’jaqsmu mal-kambjali, dawk saru f’Marzu ta’ wara. Il-kambjali saru f’Settembru u hu f’Settembru tant kellu affarijiet mieghu li ma setax jibqa’ sejjer hekk, qallu biex jaghmlu kambjali, u hu irrisponda li ma kellux flus ghax irid jiehu minn tal-Gvern. Ghalhekk qallu li kellu jaghtih Lm13,500, u qallu biex jaghmluhom kambjali

wiehed fix-xahar u ghamluhom *dated* wiehed fix-xahar u dan qatt ma ssarraf wiehed minnhom. Mistqosi fuq id-dokument li jinsab a fol 15 tal-process qal li hu kien jaghtih flus u infatti dak jirriferixxi ghal dak l-ammont. Ikkonferma li fil-fatt meta huma kienu ltaqghu f'Settembru ta' l-2006 kienu ftehmu li jillikwidaw l-ammonti li hemm pendenti u wara li illikwidaw dawn l-ammonti li hemm pendenti ghalhekk saru dawn il-kambjali. Irrifera ghal dokumenti PEG14 sa PEG75 u qal li dawn irceviehom u tah il-flus taghhom mall-ewwel u hu ha l-flus taghhom dejjem jigu *back dated* ic-cekkijiet. Ic-cekkijiet hu sarrafhom, il-flus imma jkun tahomlu qabel imma. Ic-cekkijiet mhux jkun hadhom hu fil-but izda jkun sarrafhomlu. Ic-cekkijiet in kwistjoni sarrafhom aktar milli rceviehom.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din hija azzjoni biex twaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjla ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-kumpanija rikorrenti Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd. accettat sensiela ta' kambjali li kienu jammontaw ghas-somma ta' tnax il-elf Liri Maltin (LM12,000) fit-23 ta' settembru 2006 fuq talba tal-intimat Henry Depasquale. Jirrizulta li l-import tal-kambjala huwa konsiderazzjoni ta' self. L-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija kambjali ntalbet permezz ta' ittra ufficjali.

***<u>D1. Aspetti Generali</u>***

Jibda biex jinghad li l-artikolu 123 tal-Kap 13 jiddisponi:

"Il-kambjala ghandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tigi migbuda, is-somma li ghandha tithallas, l-isem ta' dak li ghandu jhallas, u l-isem ta' dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas u l-valur moghti fi flus, f'merkanzija, f'kont jew f'kull mod iehor, u ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha."

F'dan il-kuntest, ta' min ighid ukoll li, l-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 jipprovdi li kambjala jew *promissory note* mahrugin skond il-Kodici tal-Kummerc jitqiesu bhalla titoli esekuttivi, hekk kif tintbaghat lid-debitur ittra ufficjali mibghuta lill-accettant wara li tahglaq id-data tal-hlas taghha u ma tkunx ghadha thallset.

“B’dan izda illi l-Qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew promissory note tista’, b’digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f’parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukol minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note ezegwibbli, minhabba li l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jw fejn dik il-persuna  tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni u f’dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas  ta’ dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b’kawza skond id-diposizzjinijiet tal-Kodici tal-Kummerc.

L-ittra ufficjali msemmija aktar ‘il fuq f’dan il-proviso ghandha, taht piena ta’ nullita`, tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu minn dan il-proviso.”

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet Briffa Giovanni vs Azzopardi Ronald deciza fil-5 ta’ Frar 2008 qalet:
“Illi minn qari akkurat ta’ l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista’ tigi sospiza u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta’ l-ezekuzzjoni.  F’dak il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b’kawza skond id-dispozizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc.  Il-ligi ma tispecifikax x’inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b’xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f’liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa’ t-talba jew le.  Certament li r-raguni valida m’ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.

Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u ***proviso*** tieghu gie rez bhala procedura (***prima facie***) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem ***prima facie*** izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens."

Fil- kaz **John Giordmanina et vs Joseph Pace et** deciz mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2003 inghad li:
"Fil-fehma ta' din il-Qorti hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura tkun indipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.

L-iskop ta' kambjala hija li tista' tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu."

***<u>D2. Dati tal-Kambjali</u>***

Fil-kaz in ezami, l-ewwel ilment tas-socjeta` rikorrenti hu li l-kambjali in kwistjoni huma nulli u ghalhekk gie sostnut li l-pagament taghhom ma jistax jintalab. Illi fil-fatt, gie sostnut mis-socjeta` rikorrenti li f'dan il-kaz, [f'sebgha min tmien kambjali] id-dati ta' meta kellu jsir il-pagament tal-kambjali kienu diga skadew qabel ma nhargu l-istess kambjali, u ghalhekk huwa impossibbli li jsir il-pagament, u b'dan l-istess argument il-kambjali huma nulli. Min-naha l-ohra, hekk kif gie sostnut fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, gie rilevat li mill-artikolu 123 tal-Kap 13, ma tirrizultax in-nullita` tal-kambjali, peress li dwar dati l-ligi tirrikjedi biss bhala rekwizit id-data fejn migbuda u xejn aktar.

Illi r-ragunijiet li l-ligi ssemmi biex tinzamm l-ezegwibilita` ta' kambjala jew *promissory note* huma li (a) il-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma jkunux tal-persuna

li tintalalb thallasha, u (b) ragunijiet ohra gravi u validi biex tooponi dik l-ezekuzzjoni, u f'dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas taghha. Il-ligi ma tghidx x'inhuma tali ragunijiet gravi u validi. Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali ragunijiet gravi u validi ma jistghux ikunu usa mir-ragunijiet mahsubin mil-ligi fil-Kodici tal-Kummerc, biex izomm milli kambjala tithallas. Li trid tara l-Qorti fil-procedura odjerna hu li tara jekk hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala jew tal-*promissory note* li tkun. (Ara **Gaffarena Holdings Ltd. vs Seaborg Ltd.** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-7 ta' Frar 2008, u **Pater Finance Co. Ltd. vs Daniela Debattista,** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fil-15 ta' Mejju 2007 u **Carmel sive Charles Grech vs Philip Degiorgio,** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2007.

Fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni tad-dati kif tirrizulta mhux raguni gravi bizzejjed. Huwa veru li mad-daqqa ta' ghajn jista' jidher stramb li d-data tal-hrug hija posterjuri ghad-data tal-pagament u certament ma jistax jintalab il-pagament qabel ma jkunu skadew iz-zewg dati, izda din ma twassalx ghan-nullita' tal-kambjali. Illi jekk id-data tal-hlas fuq xi uhud mill-kambjali hija data antecedenti ghad-data tal-hrug tal-kambjali dan jista' jfisser biss illi l-kontedenti kellhom l-intenzjoni li hlas kellu jkun dovut immedjatament kif inhargu l-kambjali. L-argument tas-socjeta` intimata li l-hlas jista' jsir biss fid-data indikata fil-kambjala la jaghmel sens legali u lanqas logiku. Id-data tindika biss id-data tal-maturita` tal-kambjali pero` huwa ovvju li l-kreditur jista' jaghzel li jistenna u ma jezegwix il-kambjala immedjatament.

***D3. Allegata nullita` ta' l-ittra ufficjali***

Fit-tieni lok, gie sostnut ukoll mis-socjeta` rikorrenti li l-ittra ufficjali datata 4 ta' April 2007 tikkonfliggi mal-istess kambjali in kwistjoni, u dan peress li hemm diskrepanza fid-dati. Gie sostnut ukoll, mis-socjeta` rikorrenti li hemm diskrepanza bejn il-kliem ta' l-ittra ufficjali u l-valur li johrog mill-istess kambjali. Fin-nota tieghu Henry Depasquale sostna li:

"Huwa car illi l-intenzjoni wara l-presentata ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 12 hija li d-debitur jigi mgharraf illi l-kambjali qed jigi rezi ezekuttivi sabiex f'kaz illi huwa jkun irid joggezzjona ghal dak ikun jista' jipprezenta rikors a tenur ta' l-istess artikolu. Issa fil-kaz in ezami m'hemmx dubju dwar liema kambjali kien qieghed jirreferi ghalihom l-esponent meta ppresenta l-ittra ufficjali in kwistjoni ghaliex il-kambjali gew esebiti flimkien ma' l-ittra."

Din il-Qorti kif presjeduta dejjem hadet il-linja li fejn tista' ssalva att issalvah u ma toqghodx b'formalizmi zejda kif fil-fatt ghamlet fl-aspett precedenti. Izda dan ma jistax iwassal li wiehed ma jaghtix kaz tal-ligijiet. Hawnhekk ghandna kaz fejn hemm diskrepanza bejn id-data tal-hrug tal-kambjali li hemm iddikjarat fl-ittra ufficjali u bejn id-dati tal-hrug li hemm fil-kambjali ezibiti li taghhom l-ittra ufficjali qedgha titlob l-ezekuzzjoni.

Irrizulta wkoll li Henry Depasquale talab il-pagament tal-kambjali ghall-ammont ta' Lm8873.36 filwaqt li annessi mal-ittra hemm seba' kambjali ta' elf lira l-wahda [Lm7000] u wahda ta' Lm2500, li jammontaw ghas-somma ta' Lm9500 b'mod li tirrizulta diskrepanza bejn il-kliem ta' l-ittra ufficjali fejn jintalab il-hlas ta' Lm8873.46 u l-valur li johrog mill-kambjali .

Fil-fehma tal-Qorti hawn jirrizultaw ragunijiet gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta' l-esekuzzjoni kif mitluba.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------